KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 55 - 2016

Data: Is-Sibt 27 ta' Awwissu 2016

Hin: 3.35 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:3

Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*
Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera*
Margaret Said – *Kunsilliera*

Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: 0

Kasy Mercieca – *Ambaxxatur għaż-żgħażagħ (Assenti)*

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Permessi ta' xogħoljiet ta' trinek fit-toroq f'Ta' Sannat

## Minuti – 55 – 2016 (Laqgħa b'urġenza)

## 1. Permessi ta' xogħoliet ta' trinek fit-toroq f'Ta' Sannat

**1.1** Din il-laqgħa bdiet fit-3.35 p.m. b'talba.

Permess ta' xogħolijiet ta' trinek fit-toroq minn Solar Power

Is-Sindku qal li din il-laqgħa ssejħet b'urġenza peress li l-bieraħ kellu laqgħa apposta flimkien mas-Sur Anthony Paul Saliba o.b.o. Solar Engineering Ltd., il-Kuntrattur f'isem Road Construction Ltd. Victor Hili u Louis Grima, l-avukat tas-Sur Saliba Dr Carmelo Galea, u t-tlett propjetarji tal-irzizet is-Sur Xiberras, is-Sur Parnis u s-Sur Debrincat. Minn naħa tal-Kunsill attendew ukoll is-Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat tal-Kunsill li anke attenda għal waqt din il-laqgħa b'urġenza.

Is-Sindku qal li hu u l-Kunsill ma għandhom xejn kontra l-propjetarji tal-irzizet kif ġie implikat minn Solar Engineering f'ittra li bgħat lil Prim Ministru.

Is-Sindku qal li f'din il-laqgħa li saret hu spjega li l-Kunsill ma hu xejn kontra dan il-proġett anzi pjutost li l-Kunsill huwa favur ħafna ta' dan meta ser jintuża enerġija alternattiva u semma ukoll l-bżonn ta' dan, tant li l-Kunsill diġa ħareġ permess fi Triq tal-Lewż f'parti minn fejn ser tgħaddi trinka għal dawn il-cables ta dan il-proġett. Biss li l-Kunsill qed jisħaq u ġie diskuss li Triq l-10 ta' Ottubru 1942 li l-Kunsill għadu kif ta wiċċ ġdid tat-triq bit-tarmak f'Lulju 2015 sena biss ilu taħt l-iskema tal-PPP u li din it-triq għadha taħt garanzija li dan iffisser li jekk din it-triq tintmess minn terżi din il-garanzjia tintilef. Hu qal li kieku l-Kuntrattur kien avża lill-Kunsill b'dan il-proġett minn qabel il-Kunsill ma kienx jagħmel din it-triq dakinhar. Is-Segretarju Ezekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-kuntratt ffirmat f'dak iż-żmien jgħid li din it-triq għandha 8 snin garanzija minn naħa tal-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd.

Apparti dan kollu s-Sindku qal li skond l-applikazzjoni li saret Triq Pisoniano ma tissemha mkien. Għalhekk din it-triq ma tistax tintmess.

Dwar Triq Bardan fejn il-Kunsill ibbenefika minn fondi ewropej taħt Miżura 125 u ngħatat wiċċ ġdid b'konkos b'impatt ambjentali, l-Kunsill ma qabilx li din it-triq tintmess.

Is-Sindku qal li dan huwa proġett kummerċjali u mhux neċċessita bħal dak tal-ilma jew sanitarja u kien għalhekk li l-Kunsill qed jitlob li din it-trinka għandha tgħaddi minn Triq Gerxija u li din it-triq tingħata b'wiċċ ġdid bit-tarmak bħala kumpens lir-residenti Ta' Sannat għal kull inkonvenjent li jista jinqala lir-resident ta' dawn l-inħawi fosthom il-bdiewa li jgħaddu minnha.

Il-laqgħa ntemmet fl-4.30 p.m.

**(iffirmata)**

***Philip Vella***
*Sindku*

**(iffirmata)**

***Jason Curmi***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 19 ta' Settembru 2016